MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Numru 479/2008

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna u
Spettur Nezren Grixti)

vs

Justin Mallia
Melcon Tabone
Kevin Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numri 554284(M), 586385(M) u 681681(M) rispettivament li huma akkuzati talli:

1. nhar l-20 ta' Mejju, 2008 fil-hinijiet bejn it-8:30p.m. u hinijiet wara matul u wara l-loghba tal-Football Valletta vs Birkirkara gewwa l-Istadium Nazzjonali ta' Qali b'diversi

atti maghmula b'rizoluzzjoni wahda volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioè kissru diversi seats u partijiet mill-Istadium Nazzjonali gewwa ta' Qali u dan ai terminu tal-Artikolu 325 tal-Kap 9;

2. attakkaw u jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra diversi membri tal-korp tal-pulizija inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 96 tal-Kap 9;

3. fl-istess lok, hin u cirkostanzi ingurjaw jew heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna tal-membri tal-korp tal-pulizija imsemmija fl-ewwel akkuza inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew ibezzghu fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 95 tal-Kap 9;

4. fl-istes data, lok u cirkostanzi heddew lill-istess ufficjal pubbliku u diversi membri tal-pubbliku bi kliem u dan ai terminu tal-Artikolu 338(e) tal-Kap 9;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kissru volontarjament il-bon ordni u paci pubblika u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9;

6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-pulizija jew ma hallewx jew fixklu waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahlu fl-istess dmirijiet billi ma hallewx lill-membri tal-korp tal-pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-pulizija bhala awtorita kienu ghamlu u dan ai terminu tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9;

7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qalu kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha u dan ai terminu tal-Artikolu 342 tal-Kap 9;

8. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xewwxu gemgha ta' nies illi hekk imxewwxa ingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat jew hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar migburin bil-hsie4b li jaghmlu reat u dan ai terminu tal-Artikolu 68 tal-Kap 9;

9. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xewwxu pubblikament persuni ohra sabiex jinholoq reat u dan ai terminu tal-Artikolu 69 tal-Kap 9;
10. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi pubblikament xewwxu lill-persuni ohra sabiex jiksru l-ligi u dan ai termionu tal-Artikolu 70 tal-Kap 9;
11. fl-istess data, hin u cirkostanzi uzaw kliem offensiv lejn membri tal-korp tal-pulizija imsemmija aktar ‘il fuq fl-akkuza u dan ai terminu tal-Artikolu 7 tal-legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kap 10.

Il-Qorti mitluba illi f’kaz ta’ htija tapplika l-Artikolu 9 tal-legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kap 10 billi tinfliggi l-piena massima u tordna illi l-imsemmija imputati ma jattendux fi ‘grounds ta’ sports’ ghall-perjodu massimu.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jiskaturixxu minn incidenti li zviluppaw fit-tmiem il-loghba Valletta kontra Birkirkara li ntlaghbet gewwa l-Istadium Nazzjonali f’Ta’ Qali nhar l-20 ta’ Mejju,k 2008 kojinvolti l-partitarji rispettivi u kif jirrizulta mill-provi hekk kif il-partitarji beltin kienu qeghdin jisfollaw l-istadium fil-waqt li dawk kalkarizi kienu appositament thallew imsakkra gewwa jistennew sabiex johorgu mill-istadium il-partitarji beltin.

Jirrizulta li din il-procedura tintuza propju biex jinzammu segregati minn xulxin l-partitarji opposti sabiex jigu evitati kemm jista’ jkun glied u incidenti.

Jirrizulta li f’din ic-cirkostanza nqalghu xi incidenti verosimilment meta l-folla kalkariza irrejaggixxiet ghal xi atti intimadotorji konsistenti f’tfiegh ta’ gebel mill-fazzjoni opposta fid-direzzjoni taghha mill-precinti barra l-istadium.

Jinghad dwar il-gravità tal-incidenti li s-Supretendent Carmelo Bartolo li kien qieghed jissorvelja z-zamma tal-bon ordni iddeskrivitu bhala “incident ckejken” ovvjament fis-sens li fih ma kienx hemm kontuzi apparti minn xi griehi hfief sofferti minn pulizjotta.

Issa l-imputati jinsabu akkuzato taht il-Kodici Kriminali ta’ hsara volontarja taht l-Artikolu 325, ta’ attakk u resistenza taht l-Artikolu 92 u 96 u wkoll l-Artikolu 95 u b’numru ta’ kontravenzjonijiet bi ksur tal-Artikolu 338(e), 338(dd), 338(ee) u 342. Dan apparti, huma wkoll akkuzati taht l-Artikolu 68, 69 u 70 tal-Kap 9, li jitrattaw it-tixwix ta’ gemgha ta’ nies f’numru ta’ ghaxra jew aktar biex jitwettaq reat (Artikolu 68) jew anka persuna wahda (Artikolu 69, 70) u li bi ksur tal-Artikolu 7 bl-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kap 10 uzaw kliem offensiv lejn membri tal-Korp tal-Pulizija.

Illi mill-provi, mill-akkuzi li jirrizultaw pruvati hemm fic-cert pruvat, dik tal-hsara volontarja ippotizzata taht l-Artikolu 325 u li hadu sehem fl-irvell li sehh fl-istadium bi ksur tal-Artikolu 338(dd). Apparti dan però din il-Qorti fuq il-provi quddiemha mhux tirrijavviza li hemm provi sufficjenti biex issib htija fuq il-kumplament tal-akkuzi.

Fic-cirkostanzi ghalhekk tiddeciedi li wara li rat l-Artikolu 325(dd), 338(ee) in aggunta mal-Artikolu 17(c)(d) tal-Kap 9 tikkundanna kull wiehed mill-imputati komplessivament is-somma ta’ mitt euro u tilliberahom mill-akkuzi l-ohra fil-waqt li tieqaf li tiehu provvedimenti ohra taht il-legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kap 10 wara li kkunsidrat l-attenwanti generici applikabbli ghall-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------